MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 758/2014

John **BORĠ**

vs

Raymond **BORĠ** u martu Doreen Borġ, għal kull interess li jista' jkollha

**Il-Qorti:**

Din hija deċiżjoni fuq talba magħmula mill-imħarrkin Raymond u Doreen miżżewġin Borġ permezz ta' rikors tagħhom li jġib id-data tad-9 ta' Diċembru, 2014[1], sabiex, għar-raġunijiet hemm minnhom imfissra, jitħallew ineħħu l-kontumaċja tagħhom li seħħet wara li, għalkemm laqgħu n-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf u tal-Avviż tas-Smigħ, naqsu li jressqu Tweġiba Maħlufa fiż-żmien li tagħtihom il-liġi;

[1] Paġġ. 14 – 15 tal-proċess

Rat illi għal din it-talba l-attur John Borġ wieġeb bi Tweġiba mressqa f'ismu fl-20 ta' Jannar, 2015[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra saħaq li l-Qorti ma jmisshiex tilqa' t-talba tal-imħarrkin;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-10 ta' Diċembru, 2014, li bih ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni u biex, wara li ssir in-notifika tal-imsemmi rikors lill-attur, tirriżerva li jekk ikun meħtieġ tisma' sottomissjonijiet ulterjuri dwar it-talba tal-imħarrkin biex jitħallew ineħħu l-kontumaċja tagħhom, jew jekk ikun il-każ, li tagħti l-provvediment relattiv;

Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawża;

Semgħet lill-partijiet jixhdu taħt ġurament.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Frar, 2015, li bih ħalliet il-kawza għal-lum għad-deċizjoni dwar l-episodju tal-kontumaċja tal-imħarrkin;

***Ikkunsidrat:***

Illi dan huwa każ fejn parti mħarrka f'kawża naqset li tressaq Tweġiba Maħlufa fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi, wara li laqgħet in-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf u kif ukoll tal-Avviż tas-Smigħ. Il-kawża tressqet bil-proċediment ordinarju. Minħabba f'hekk, iż-żewġ imħarrkin miżżewġin Borġ qegħdin jitolbu li jitħallew iressqu l-kontestazzjoni tagħhom u jneħħu l-istat ta' kontumaċja li waqgħu fih;

Illi għal din it-talba l-attur laqa' bil-qawwa u, wara li ressaq sensiela ta' argumenti biex ixejjen dak li l-imħarrkin xehdu b'ġurament fl-imsemmi rikors tagħhom, jisħaq li l-kontumaċja taż-żewġ imħarrkin hija waħda miġjuba bit-traskuraġni u għalhekk mhijiex ġustifikabbli;

Illi l-Qorti tagħraf li l-effetti tal-kontumaċja fuq il-parti mħarrka f'kawża jiddependu mill-atteġġament li dik l-istess parti tkun ħadet hekk kif tilqa' għandha l-atti ta' kawża li tkun tressqet kontriha. Dawn l-effetti llum il-ġurnata huma magħrufa u ġeneralment kull qorti timxi fuqhom. L-istess attur jirreferi għal dawk il-prinċipji biex ixejjen l-ilment tal-imħarrkin Borġ;

---

[2] Paġġ. 17 – 9 tal-proċess

Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni[3], u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu sanzjoni – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi – għaliex meqjusa bħala element ta' disordni soċjali[4];

Illi fuq ix-xaqliba l-oħra, u minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja ġġib magħha, il-Qrati tagħna ddeċidew li r-rigorosita' tal-proċedura għandha tiġi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies ġustifikata[5]. B'żieda ma' dan, ma jridx jintesa li l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja hija fiha nnifisha eċċezzjoni għar-regola li l-parti mħarrka trid twieġeb għall-azzjoni mressqa kontriha fiż-żmien li trid il-liġi u li dik l-eċċezzjoni m'għandhiex tieħu post dik ir-regola;

Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja ta' tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-aħħar żminijiet u għarfu jiddistingwu bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-ieħor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawża u li ma laħaqx għamel dan għal raġuni li ma kienx jaħti għaliha[6];

Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati[7]. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża[8]; (ċ) li jeħtieg li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha irid ikun dik li bnadi oħra ssejħet bħala

[3] Ara App. Ċiv. : **6.11.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġerada vs Attard*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.545**)
[4] Ara App. Kumm.: **21.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.170**)
[5] P.A. **4.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Ellul*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.729**)
[6] P.A.: **9.12.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***G. Beacom vs A. Spiteri Staines*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.195**)
[7] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **13.7.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vivian Mizzi vs Carmelo Mizzi***
[8] Ara App. Inf.: **3.5.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca vs Mifsud*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.738**) u App. Inf. : **29.11.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.811**) u l-kawżi hemm imsemmija

*una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika, u eċċezzjonalment biss, waħda morali[9];

Illi dwar x'iwassal lill-kontumaċja biex titqies bħala waħda kolpuża, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza tagħha tas-**7 ta' Marzu, 1994**, fil-kawża fl-ismijiet Joseph Delceppo vs Onorevoli Raymond Bondin *et*[10], fejn ingħad li "il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-liġi, jonqos li jagħmel l-arranġamenti neċessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri reġistrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arranġamenti imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . . Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jircievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jiġu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ". F'dik l-imsemmija sentenza l-Qorti kienet tenniet b'enfasi li l-liġi, fl-artikolu 187 tal-Kap 12, tqiegħed dmir fuq iċ-ċittadini kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha li jaraw u jassikuraw li dawk il-persuni kollha li jgħixu magħhom fid-dar fejn joqogħdu jikkonsenjawlhom l-ittri li jirċievu jew imqar li jgħarrfuhom bil-wasla tagħhom. Dwar dan jidher li l-Qorti tal-Appell dehrilha li kien wasal il-waqt li ttenni din il-linja ta' ħsieb fil-qies dwar jekk persuna hijiex kontumaċi bi ħtija jew le[11];

Illi bħala fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża safejn rilevanti għal dan l-episodju, joħroġ li l-kawża nfetħet fit-2 ta' Settembru, 2014 u b'degriet tat-18 ta' Settembru din il-Qorti ordnat, fost l-oħrajn, in-notifika lill-imħarrkin. Qabel ma nfetħet il-kawża, l-attur kien talab u kiseb il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju fit-13 ta' Awwissu, 2014, li kien notifikat kif imiss u l-imħarrkin kienu jafu bih;

Illi l-attur talab in-notifika waħda taż-żewġ imħarrkin flimkien, iżda t-tentttiv fl-ewwel indirizz ma seħħx għaliex il-marixxal ma sab lil ħadd fl-indirizz mogħti lilu[12]. L-attur talab in-notifika f'post kummerċjali fis-6 ta' Ottubru, 2014, u jumejn wara l-imħarrek personalment laqa' n-notifika kemm tar-Rikors Maħluf u kif ukoll tal-Avviż tas-Smigħ[13];

Illi l-kawża tqiegħdet għas-smigħ tal-10 ta' Diċembru, 2014;

---

[9] Ara, per eżempju, App. Ċiv.: **12.12.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** (mhix pubblikata); u P.A.: **27.2.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Naudi Montaldo noe vs Xuereb*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iii.1214**)
[10] Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.28**
[11] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd.***
[12] Paġġ. 9 u 10 tal-proċess
[13] Paġ. 13 tal-proċess

Illi l-imħarrkin ressqu r-rikors tagħhom fid-9 ta' Diċembru, 2014 u dak inhar tal-ewwel smigħ ma dehrux quddiem il-Qorti iżda deher għalihom l-avukat imqabbad minnhom u li wkoll kien iffirma r-rikors imressaq lejliet is-smigħ tal-kawża;

Illi f'din il-kawża, iż-żewġ imħarrkin isemmu r-raġunijiet li ġejjin biex jistiednu lil din il-Qorti tqis u tilqa' t-talba tagħhom. Fl-ewwel lok, l-imħarrek isemmi li (i) n-notifika saret fuq il-post tax-xogħol tiegħu; (ii) li "huwa ftit jaf jaqra u jikteb"; (iii) li meta ra l-Avviż tas-smigħ kien hemm "miktub ċifra ta' flus u data", u għalhekk "huwa assuma li kellu żmien sad-9 ta' Diċembru 2014 sabiex ikellem avukat"; (iv) li għalkemm fil-5 ta' Diċembru, 2014, mar kellem l-avukat, ma ġabx diskors dwar il-kawża; (v) li "huwa affett minn pressjoni kbira ta' xogħol fil-ħanut stante bidla fiċ-ċirkostanzi" fisthom dik fejn is-sieħeb tiegħu fin-negozju kien warrab; (vi) minbarra dan, huwa "għaddej minn problemi oħra" marbuta mat-tħollija lilu ta' wirt ta' ħabib tiegħu li kien miżżewweġ u li qrabat il-mejjet ma jridux jaċċettawh bħala l-werriet maħtur; (vii) li lil martu l-imħarrka Doreen Borġ lanqas għarrafha li huwa kien laqa' n-notifika tal-atti tal-kawża; u (viii) li jekk hu u martu ma jitħallewx isaffu l-kontumaċja tagħhom il-qagħda tagħhom tkun "serjament ippreġudikata" ladarba l-kontumaċja tagħhom mhijiex waħda traskurata u hija l-effett ta' żball;

Illi l-Qorti tqis li għalkemm l-imħarrkin ġabu 'l quddiem bosta raġunijiet għall-qagħda li llum jinsabu fiha f'din il-kawża, ma jistax jingħad li ngħatatilha xi raġuni tajba biex issib li dak l-istat ta' kontumaċja huwa tabilħaqq wieħed ġustifikabbli. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li f'dan il-każ ma tqajmitx il-kwestjoni tas-siwi tan-notifika u, f'kull każ, in-notifika li ssir fuq il-post tax-xogħol tal-parti li għandha tkun notifikata ma jaħlaq l-ebda raġuni oħra biex tiġġustifika l-kontumaċja aktar minn meta n-notifika ssir fid-dar fejn dik il-parti tkun tgħix. Il-Qorti ssibha ħaġa iebsa wkoll temmen li l-imħarrek ma jafx jaqra u jikteb, l-aktar meta ż-żewġ dokumenti mressqin mar-Rikors Maħluf juru li hu deher fuqhom u iffirmahom bir-rabtiet kollha li jġibu magħhom. Minbarra dan, jekk hu naqas li jgħarraf lil martu bl-inkartament tal-kawża li huwa kien laqa', din hija raġuni oħra għaliex joħroġ l-element ta' traskuraġni jew nonkuranza li wieħed ma jridx juri jekk tassew jixtieq jipprova dwar kemm jaf jieħu ħsieb xieraq tal-affarijiet tiegħu;

Illi, fuq kollox, il-mod kif ma ngħatax każ tal-avviż ċar li jkun hemm fuq il-parti ta' fuqnett tar-Rikors Maħluf ma jirrifletti xejn tajjeb fuq l-atteġġament tal-imħarrkin. Il-Qorti tqis li, jekk wieħed jaqra sewwa x'ikun hemm f'Avviż bħal dak (u dan jissemma f'żewġt ilsna, kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż) wieħed ma jistax ma jaqrax li jintuża l-kliem "mal-

preżentata tar-risposta tiegħek fiż-żmien stipulat mil-liġi". Dan l-avviż jgħodd għal kulħadd u f'kull każ fejn kawża titressaq bil-proċedura ordinarja. Minbarra dan, ma setgħux ma jintebħux ukoll li fir-ras ta' dak l-att ġudizzjarju kien hemm l-avviż li jwissihom li kellhom għoxrin (20) jum minn dakinhar tan-notifika biex iressqu l-kontestazzjoni għall-azzjoni li bdew kontrihom l-atturi. Marbut ma' dan, imbagħad, hemm iċ-ċirkostanza kardinali li, erbat ijiem qabel mal-imħarrkin ressqu r-rikors tagħhom biex iwaqqgħu l-kontumaċja, l-imħarrek kien għand l-avukat tiegħu u lanqas biss semmielu li kien hemm il-kawża jew li kienu waslulu l-karti tal-atti proċesswali. Bniedem li ma huwiex midħla tal-atti ġudizzjarji jkun għaqli jekk ifittex isib avukat ħalli jmexxih; bniedem li huwa midħla ta' atti tal-Qorti u lanqas isemmi xejn lill-avukat tiegħu, ikun qed jixhed sura għolja ta' traskuraġni li ma jistħoqqilhiex l-ebda mogħdrija;

Illi għal dak li jirrigwarda l-pressjonijiet u l-problemi l-oħrajn imsemmija mill-imħarrek, dawn ma jikkwalifikawx bħala raġunijiet li jiġġustifikaw li n-notifika tal-atti ta' kawża tingħata prijorita' baxxa mqabbla mal-imsemmija pressjonijiet u problemi. Biex pressjonijiet bħal dawk jistgħu jkunu raġuni tajba biex jiġġustifikaw kontumaċja, iridu jqarrbu sewwa lejn stat ta' mard fiżiku jew mentali[14];

Illi fl-aħħarnett, fl-imsemmi rikors tagħhom, l-imħarrkin iqanqlu b'ġustifikazzjoni wkoll il-kwestjoni tal-jedd għal smigħ xieraq u kemm l-istitut tal-kontumaċja jaf ikun raġuni ta' ksur ta' dak il-jedd. Il-Qorti, b'żieda ma' dak li ssemma aktar qabel, tgħid li l-ħarsien u t-tħaddim kif jixraq tar-regoli tal-proċedura f'kawża ma jistgħux ikunu, minnhom infushom, raġuni ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq, għaliex huwa mistenni li jgħoddu għal kulħadd l-istess u jfissru kif il-proċediment ta' kawża jitmexxa b'ordni u b'mod sistematiku. Minbarra dan, ladarba l-kontumaċja titqies bħala kontestazzjoni u bħala tħollija fid-dehen u l-ħaqq tal-Qorti, qajla jista' jingħad li l-istess istitut huwa maħsub biex jgħin lil xi parti milli tieħu vantaġġ fuq xi parti oħra fil-kawża: jekk xejn, f'bosta każijiet, l-istat ta' kontumaċja ta' xi waħda mill-partijiet imħarrkin aktar jitfa' piż fuq il-Qorti biex tgħarbel sewwa u b'reqqa dak li l-parti attriċi tkun ressqet quddiemha. Minbarra dan, il-liġi tal-proċedura nnifisha tagħti rimedji biex il-parti li tkun waqgħet kontumaċi xorta waħda tista' tressaq is-sottomissjonijiet tagħha fil-waqt xieraq;

Illi b'żieda ma' dan kollu, jrid jingħad li din il-kwestjoni diġa' tqajmet f'okkażjonijiet oħra sewwasew fuq dan l-ilment ta' ksur ta' jedd għal

[14] P.A. RCP **31.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Edwin Calleja pro et noe vs Joseph Said*** (mhix pubblikata)

smigħ xieraq u l-Qorti sabet li "*l-istitut tal-kontumaċja m'huwiex fih innifsu inkompatibbli mal-imsemmi prinċipju tal-ġustizzja naturali u mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan għaliex id-dritt tal-konvenut li jidher għall-proċess ġudizzjarju u jiddefendi ruħu kontra t-talbiet li jsiru kontrih ma jistax jitqies f'termini assoluti għaliex tali dritt jista' jiġi rinunzjat. Ir-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja tirrikjedi li jinstab bilanċ raġjonevoli bejn dan id-dritt ta' smigħ xieraq li kull konvenut huwa ntitolat għalih min-naħa wahda, u bejn id-dritt tal-attur u l-interess tal-ġustizzja in ġenerali min-naħa l-oħra, sabiex il-proċess ġudizzjarju mibdi jkun jista' jieħu l-kors normali tiegħu. Jekk dan il-bilanċ ma jinstabx, il-proċess ġudizzjarju jista' jsir unikament dipendenti fuq il-volonta` tal-konvenut, u b'hekk l-istess proċess jista' jisfa indebitament intralċjat minn dak il-konvenut li jkun malintenzjonat.*"[15] Din il-fehma tal-ogħla Qorti f'Malta jidher li għadha ma nbidlitx[16];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ssib li taqbel mal-argumenti tal-attur u sejra tiċħad it-talba ta' l-imħarrkin miżżewġin Borġ biex jitħallew isaffu l-kontumaċja tagħhom u dan għaliex ma ġabux raġunijiet tajba li turi li dak li ġara kien lil hinn mis-setgħa u l-kontroll tagħhom u li jwasslu lil din il-Qorti tilqa' t-talba tagħhom biex tneħħi l-istat ta' kontumaċja li waqgħu fiha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** magħmula mill-imħarrkin Raymond u Doreen miżżewġin Borġ bir-rikors tagħhom tad-9 ta' Diċembru, 2014, biex jitħallew jikkontestaw il-kawża u jneħħu l-kontumaċja tagħhom; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla, b'riżerva lill-istess imħarrkin li jressqu dawk is-sottomissjonijiet li l-liġi tippermettilhom jagħmlu fil-waqt xieraq tal-kawża u mingħajr ħsara għal kull rimedju ieħor mogħti lilhom mil-liġi.

## < Sentenza In Parte >

[15] Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph E Ruġġier vs Joseph O. Ruġġier***
[16] Kost. **18.7.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Rea Ceramics Ltd vs Kunsill Malti għall-Isport et***

---------------------------------TMIEM---------------------------------